ĦARĠA NUMRU 25 - REBBIEGĦA 2021

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Editorjal

Għeżież qarrejja,

Dħalna fl-istaġun tar-rebbiegħa, u għal darb'oħra qegħdin nidħlu fi djarkom permezz ta' din il-pubblikazzjoni. Għalkemm kull staġun għandu l-importanza tiegħu, ir-rebbiegħa huwa l-istaġun li jerġa' jagħti l-ħajja wara x-xhur kefrin tax-xitwa. In-natura tkun fl-aqwa tagħha, u fl-għelieqi u l-kampanja madwarna nistgħu nosservaw spettaklu ta' kuluri magħmul mis-siġar u l-fjuri li jattiraw l-insetti għad-dakkir. Mijiet t'għasafar jibdew l-immigrazzjoni tagħhom lejn il-pajjiżi tan-naħa ta' fuq tal-Ewropa sabiex ikollhom il-frieħ u jitkompla ċ-ċiklu tal-ħajja.

Għall-bidwi jkun wasal iż-żmien li jaħsad dak li jkun tħawwel erba' xhur qabel f'Novembru bħall-brokkoli, il-pastard, il-ful u l-frawli. Tibda wkoll il-preparazzjoni għall-ward tas-sajf bħall-qronfol u l-esportazzjoni tal-patata. Sabiex jinħadem wiċċ ieħor, jitferrex id-demel ħalli tiġi ppreparata l-għalqa għall-uċuħ tas-sajf.

Ir-raħħal idewwem lin-nagħaġ bl-istess libsa matul is-sena kollha iżda kif toqrob ir-rebbiegħa jibda jaħseb biex iġizzhom. Dan isir għaliex ikun qed joqrob is-sajf u jekk ma jagħmilx dan jistgħu saħansitra jmutu bis-sħana. Jinġiżżu daqshekk kmieni wkoll għaliex b'hekk, sakemm jiġi s-sajf, ikunu tellgħu pil biżżejjed sabiex ma jdejjaqhomx il-qris tad-dubbien u n-nemus.

Għal din il-ħarġa, erġajna ġbarna ħafna artikli interessanti li jirriflettu fuq dan is-settur. Nittama li jintlaqgħu tajjeb magħkom il-qarrejja. Tinsewx ukoll tissieħbu magħna fuq il-paġna ta' Facebook 'Nisġet Artna' ħalli tibqgħu aġġornati ma' dak kollu li jkun għaddej fi ħdan il-Ministeru għall-Biedja, Sajd, Ikel u Drittijiet tal-Annimali. Tistgħu wkoll tagħmlu kuntatt magħna fuq l-indirizz elettroniku **nisgetartna.mafa@gov.mt**.

Nixtiqilkom l-Għid it-Tajjeb.

Tislijiet,
**Claire Cauchi**

# Nisġet Artna


Pubblikazzjoni maħruġa
Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni**
Agriculture Reasearch and Innovation Hub
L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303




*Ritratt meħud minn Emanuel Cauchi*


**Editur**
Claire Cauchi

**Qari tal-provi**
Proofreading Malta

**Kontributuri**
Stephen Spiteri
Fisheries Research Unit
Neil Tanti
Nathalie Spiteri D'Amato
Mark Grech
Maria Micallef
Nicole Galea
Alice Anne Steer
Sharon Scerri
Ray Caruana
Jeffrey Sciberras
Matthew Laspina

**Stampar**
Government Printing Press

**Disinn**
Outlook coop

MIX Paper from responsible sources FSC® C140603


# Il-Werrej


3 Messaġġ mill-Ministru
4 L-Iskema tal-Ħalib fl-Iskejjel – Ninu l-Bninu
5 Baġit 2021
6 Politika li Tisma' Dirett Mingħand il-Bdiewa u r-Raħħala
7 L-Ewwel Edizzjoni tal-Kompetizzjoni 'Fishing for Recipes'
8-9 Miżuri Agroambjentali Klimatiċi
10 Il-Proġett Ambulanza tal-Malta Rabbit Club
11 Kotba Edukattivi għall-Istudenti tar-Raba' u s-Sitt Sena tal-Iskejjel Primarji
12-13 L-Iżvilupp u t-Trasmissjoni tar-Reżistenza għall-Antibijotiċi mill-Batterja
14 Il-Ħidma tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali
15 Investiment ta' €5.4 Miljun għat-Tisħiħ tal-Prodott Agrikolu Lokali
16 Proġett BLUEfasma
17 Il-Kunsill Lokali ta' Bormla Jimplimenta l-Iskema LC Care Project
18-19 Il-Prodott Malti – Uniku, Bnin u Essenzjali
20 Kontribut Lejn is-Sostenibbiltà fl-Immaniġġjar tas-Sajd għat-Tonn
21 Wirja Awdjoviżiva ta' Proġett b'Riċerka Dwar is-Sajjieda tal-Lampara f'Malta
22 Artiklu għat-Tfal
23 Riċetti

# Messaġġ mill-Ministru



**Anton Refalo**
Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

Għeżież,
Bdejna sena ġdida u għalhekk minn qalbi rrid nawgura s-sena t-tajba lilkom il-qarrejja u lill-familji tagħkom filwaqt li nixtieq nagħti l-awguri lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fi ħdan il-Ministeru u d-dipartimenti differenti. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar naħseb dwar kemm hu importanti li nkunu dejjem pożittivi kemm nistgħu speċjalment f'mumenti diffiċli. Irridu nagħmlu kuraġġ u nibqgħu għaddejjin għax, kif tafu sew, iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Dak li għandna nagħmlu għandna nagħmluh b'kapaċità, bil-galbu u b'viżjoni għall-futur. Kultant nitkellmu aktar fuq il-passat milli fuq il-preżent. Il-Gvern huwa kommess li jibqa' jaħdem biex isostni u jsaħħaħ is-setturi tal-agrikoltura, sajd u drittijiet tal-annimali, u issa li ġejt fdat ukoll is-settur tal-ikel. Dawn mhumiex sempliċement setturi biss imma għandna nħarsu lejhom bħala x-xogħol u l-bżulija tal-bidwi, tas-sajjied u tal-familji kollha tagħna Maltin u Għawdxin.

Irridu ningħaqdu aktar sabiex flimkien nilqgħu l-isfidi li l-pandemija tal-Covid-19 ġabet magħha. Mhux kulħadd kellu l-istess diffikultajiet imma kulħadd inkwieta u biddel il-mentalità għall-mod ta' kif irridu nkomplu naqilgħu l-għejxien u nibqgħu għaddejjin hi x'inhi s-sitwazzjoni. Il-Gvern irid jaħseb fil-poplu u kif jista' jkun sostenibbli. Irid ikollu viżjoni fit-tul biex jara li s-setturi jibqgħu jikbru maż-żminijiet tal-lum.

Mill-baġit stajna nindunaw xi pjanijiet hemm għal din is-sena. Baqa' ħafna xi jsir imma ninsab ċert li jekk ilkoll flimkien naħdmu b'għan wieħed għall-ġid komuni se ngawdu minnu lkoll. Wara li smajt id-diffikultajiet tagħkom waqt il-laqgħat ta' konsultazzjoni kommess b'responsabbiltà min-naħa tiegħi bħala Ministeru kif ukoll mad-dipartimenti kollha biex inkomplu ntejbu u nsaħħu l-ħidma tagħna.

Ejjew inxammru l-kmiem u naħdmu... għalina, għal uliedna u fuq kollox għal pajjiżna. Jien fiduċjuż fikom ilkoll.

Tislijiet,

*Anton Refalo*

"IL-GVERN HUWA KOMMESS LI JIBQA' JAĦDEM BIEX ISOSTNI U JSAĦĦAĦ IS-SETTURI TAL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI"

# L-Iskema tal-Ħalib fl-Iskejjel

## Ninu l-Bninu




Kitba ta'
**NICOLE GALEA** *ARPA Trainee* u ta' **MALCOLM VASSALLO** *Senior Manager*

Fil-bidu tas-sena 2021 ġiet imnedija l-Iskema tal-Ħalib fl-Iskejjel għas-sena skolastika 2020-2021 li hija finanzjata minn fondi tal-UE u dawk nazzjonali. L-għan ewlieni tal-Iskema tal-Ħalib f'Malta hu biex tqanqal iżjed għarfien dwar l-importanza tal-benefiċċji tal-ħalib frisk għas-saħħa tat-tfal. Din il-kampanja nazzjonali tiffoka fuq iż-żieda b'mod sostanzjali tal-ammont ta' ħalib fid-dieti tat-tfal fi żmien fejn għadhom qed jikbru u jiffurmaw id-drawwiet tagħhom tal-ikel u tax-xorb. Din l-iskema hija aċċessibbli għat-tfal kollha bejn l-etajiet ta' 3 u 11-il sena li qegħdin jattendu skejjel primarji amministrati jew rikonoxxuti mill-Ministeru għall-Edukazzjoni.

Minħabba d-diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, f'din is-sena skolastika ġiet introdotta sistema ġdida fejn it-tfal jirċievu sett ta' vouchers li jistgħu jiġu skambjati għal porzjon wieħed ta' 500ml ta' ħalib frisk, ippasturizzat, semixkumat fil-ġimgħa. Dawn il-vouchers huma kkuluriti sabiex jindikaw f'liema xahar huma validi. Jistgħu jiġu skambjati fil-grocers u s-supermarkets kollha li jinsabu madwar Malta u Għawdex. Din l-iskema qed issir b'tali mod sabiex is-sigurtà tat-tfal tiġi mħarsa anki fiċ-ċirkustanzi straordinarji li għaddejjin minnhom. B'dan il-mod, it-tfal li jipparteċipaw f'din l-Iskema qegħdin jirċievu d-doppju tal-porzjonijiet ta' ħalib li kienu jirċievu fis-snin li għaddew, filwaqt li qegħdin jingħataw il-flessibbiltà biex jagħżlu meta u minn fejn jistgħu jakkwistaw il-porzjon tal-ħalib.



Tajjeb ukoll li nagħtu ħarsa lejn is-settur tal-ħalib lokali, fejn madwar Malta u Għawdex insibu 97 razzett tal-ħalib li jipproduċu madwar 70,000 litru ħalib kuljum. Il-produzzjoni tal-ħalib frisk lokali isir minn raħħala Maltin u Għawdxin li b'dedikazzjoni, sagrifiċċju u impenn jipproduċu ħalib ta' kwalità filwaqt li jħarsu s-saħħa tal-baqar tagħhom. Il-produzzjoni tal-ħalib tirrikjedi xogħol bla waqfien matul is-sena kollha, inklużi Ħdud u festi, u dan kollu jsir fi żmien 24 siegħa sabiex ikun żgur li l-ħalib huwa frisk u bnin, u kull attenzjoni hija mogħtija matul il-proċess kollu. Is-settur agrikolu lokali huwa settur importanti ħafna għaliex nistgħu niddependu fuqu partikolarment fi żmien ta' tfixkil globali għaliex jgħin jiżgura s-sigurtà, u għaldaqstant l-Iskema tal-Ħalib qed tappoġġja wkoll is-settur lokali billi żżid id-domanda għall-produzzjoni ta' ħalib frisk lokali u ssostni l-ħidma tar-raħħala tagħna.

L-Iskema tal-Ħalib hija amministrata mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel, u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), b'kollaborazzjoni mas-Servizzi Nazzjonali ta' Sapport Edukattiv, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED), u t-Taqsima tal-Kontroll u Prevenzjoni ta' Mard Infettiv, fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa (MFH). Din l-iskema hija kofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) u l-Gvern Malti.

Għal aktar informazzjoni jew għal mistoqsijiet dwar din l-Iskema, inti ġentilment mitluba/a tikkuntattja lill-Aġenzija permezz ta' email mibgħut fuq **arpa-ss.mafa@gov.mt** jew billi ċċempel fuq **22926148**.



# Prijorità fis-Setturi tal-Agrikoltura, Sajd, Ikel u Drittijiet tal-Annimali

Baġit 2021

Il-Gvern qed jara kif is-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd, tal-ikel u tad-drittijiet tal-annimali jingħataw prijorità u opportunità ekonomika kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur.

Il-Ministru Refalo waqt konferenza stampa qal li fil-baġit għal din is-sena l-Gvern qed iressaq investiment bla preċedent li għandu jservi ta' għodda bżonjuża sabiex titwettaq viżjoni b'saħħitha li tindirizza l-isfidi li għandna bħalissa filwaqt li tindirizza wkoll il-futur.

Hemm bżonn li ndaħħlu kultura ta' taħriġ u innovazzjoni sabiex dawn is-setturi jkomplu jikbru bħal setturi oħrajn. Bis-saħħa ta' diversi skemi jinħtieġ li jitħajru aktar żgħażagħ jidħlu f'dawn l-oqsma u ma nibqgħux naraw lil dawn is-setturi bħala tat-tieni klassi, iżda naraw li dawn jistgħu jġibu opportunitajiet kbar magħhom. Ser ikunu qed jingħataw għotjiet ekwivalenti għat-taxxa li titħallas fuq il-bejgħ tal-prodotti li l-bdiewa u s-sajjieda jbigħu fil-Pitkalija u fil-Pixkerija sabiex ikun hemm garanzija ta' sostenibbiltà.

It-teknoloġija hija ċ-ċavetta għall-futur fis-settur agrikolu u għalhekk il-Gvern ser ikun qed jintroduċi għajnuna li tħeġġeġ kumpaniji f'dawn l-oqsma u jkunu innovattivi li jagħrfu jimxu mal-opportunitajiet li qed jiġu ppreżentati llum. Dan kollu qed isir f'qafas sħiħ ta' skemi differenti li se jkomplu jinċentivaw niċeċ oħra fi ħdan is-setturi flimkien ma' proġetti importanti li huma meħtieġa u li ilhom biex jiġu implimentati. Dawn se jservu biex niffaċilitaw l-assistenza, ir-riżorsi u l-appoġġ finanzjarju li għandu bżonn il-bidwi, ir-raħħal u s-sajjied Malti u Għawdxi li b'mod konsistenti jrid jiġġieled elementi differenti.

Ma nistgħux ninsew l-impenn fejn jidħol il-ħarsien tal-annimali wkoll. Ser tissokta l-ħidma fit-tisħiħ tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali sabiex ikompli l-ħidma bis-salvataġġi, ikun pożittiv fil-ġlieda favur ħajja sana għal dawn il-ħlejjaq għeżież għalina.

Din is-sena se jitjiebu l-faċilitajiet fil-kwarantina tal-annimali żgħar fejn fix-xhur li ġejjin se jibda x-xogħol fuq proġett tant mistenni, dak tal-bini taċ-ċimiterju tal-annimali.

Dan jikkonferma kemm il-Gvern jimpurtah mis-setturi kollha u għandu viżjoni ċara li jara t-tisħiħ u t-tkabbir f'setturi daqstant importanti f'pajjiżna.

# Politika li Tisma' Dirett Mingħand il-Bdiewa u r-Raħħala

Kitba ta'
**BJORN AZZOPARDI** *Direttur (PDPID)*

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali organizza laqgħat ta' konsultazzjoni mal-bdiewa u mar-raħħala. F'Malta, il-laqgħa ttellgħet nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru waqt li f'Għawdex saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru. Dan kien eżerċizzju fejn inkomplu nisimgħu direttament mingħand il-bdiewa u r-raħħala nfushom dwar il-bżonnijiet u d-diffikultajiet tas-settur bil-ħsieb li tkun tista' tkompli titfassal politika li tagħmel is-settur agrikolu aktar sostenibbli u tpoġġi l-interessi tal-bdiewa u r-raħħala fiċ-ċentru tagħha.

Dawn il-laqgħat jikkumplimentaw il-ħidma kontinwa tal-Gvern li qed jaħdem bis-sħiħ biex is-settur agrikolu jkompli jissaħħaħ u hekk tikber l-importanza u l-istima li jixraqlu dan is-settur. Dan għaliex nemmnu li s-settur agrikolu għandu potenzjal qawwi speċjalment fl-ekonomija ta' pajjiżna. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li:

- il-bdiewa u r-raħħala jsemmgħu leħinhom;
- jiġi diskuss il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali tal-agrikoltura;
- jiġu diskussi s-servizzi offruti mill-Ministeru;
- jinstabu soluzzjonijiet ta' kif jistgħu jiġu mħajra bdiewa żgħażagħ biex jaħdmu fis-settur agrikolu;




- il-bdiewa jaraw x'għajnuniet u x'investimenti jixtiequ jimplimentaw fiż-żmien li ġej, li jistgħu jiġu ffinanzjati minn fondi Ewropej.

Waqt il-laqgħat, il-bdiewa u r-raħħala spjegaw il-preokkupazzjonijiet tagħhom filwaqt li ġew diskussi diversi suġġetti fosthom l-importanza tal-estensjoni tan-New Water, id-diffikultajiet li jiffaċċjaw fuq permessi ta' żvilupp mill-awtoritajiet konċernati, il-bżonn li l-bdiewa jkunu koperti b'polza t'assikurazzjoni f'każ ta' sena ħażina jew ħsarat, u l-għajnuna akbar li hemm bżonn fil-mili tal-applikazzjonijiet għall-fondi Ewropej. F'dawn il-laqgħat spikkat il-preżenza ta' diversi koperattivi u NGOs fis-settur. Uħud minnhom, bħall-Koperattiva tal-Produtturi tal-Ħalib, saħqu fuq l-importanza li l-bdiewa għandhom jingħaqdu f'organizzazzjonijiet sabiex jimmassimizzaw l-opportunitajiet li toffri l-Unjoni Ewropea u l-fondi disponibbli għal dawn l-organizzazzjonijiet. Koperattivi oħrajn bħal tan-Naħal saħqu dwar l-importanza li skemi futuri għall-għajnuna minn fondi tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu aktar aċċessibbli għal dan is-settur tant importanti. Fost punti oħra interessanti li ġew diskussi kien hemm proposti li ġew direttament mingħand il-bdiewa fosthom idea ta' smart farming, li titwaqqaf ditta lokali ta' prodotti ffriżati, kif ukoll proposta bħal skema li tinċentiva l-bdiewa biex jaqilbu minn metodi konvenzjonali għal agrikoltura organika u li din tista' tħajjar żgħażagħ jidħlu fis-settur.

Dawn il-laqgħat ta' konsultazzjoni, li saru b'kollaborazzjoni mal-MEUSAC, kienu suċċess kemm għall-attendenza numeruża ta' bdiewa u raħħala li attendew kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, kif ukoll għal-livell ta' diskussjoni matura u proposti interessanti mressqa minn dawk preżenti. Fid-dawl ta' dawn il-laqgħat, kif ukoll fid-dawl tar-Riforma fil-Politika Agrarja Komuni għall-perjodu tal-2021 sal-2027, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali se jkompli din il-politika li jisma' dirett mingħand il-bdiewa u r-raħħala billi se jkun qed jorganizza laqgħat individwali ma' koperattivi ta' setturi agrikoli differenti matul is-sena l-ġdida.

# L-Ewwel Edizzjoni tal-Kompetizzjoni 'Fishing for Recipes'

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali kkollabora mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex jiċċelebraw għall-ewwel darba f'Malta l-Jum Internazzjonali tas-Sajd li jaħbat fil-21 ta' Novembru billi nieda l-kompetizzjoni kulinarja, 'Fishing For Recipes'.

Waqt it-tnedija, il-Ministru l-Onor. Anton Refalo faħħar din l-inizjattiva li hi bbażata fuq il-promozzjoni tal-ħut lokali u magħquda mal-wirt kulinari kostali ta' riċetti tradizzjonali biex tiżgura li t-tagħlim jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra permezz ta' attivitajiet edukattivi u informattivi fi ħdan il-familja. Id-Direttur tas-Sajd Dr Alicia Said sostniet li din l-inizjattiva hi mmirata sabiex tinforma dwar id-diversità ta' ħut li jinqabad mis-sajjieda Maltin u Għawdxin, u kif ukoll biex titqajjem kuxjenza dwar il-bżonn illi t-tfal u ż-żgħażagħ jikkunsmaw aktar ħut fid-dieta tagħhom.

Sabiex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni, il-parteċipanti kellhom joħolqu platt billi jużaw ħut maqbud lokalment u li huwa sottovalutat mil-lista li ġiet provduta mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. Wara li t-tisjir ikun ġie esegwit – flimkien mal-familja, mal-ħbieb, fl-iskola, eċċ. – kull parteċipant tella' r-ritratti tiegħu fuq il-paġna ta' Facebook 'Fishing for Recipes' fejn ġew esebiti l-kontestanti, l-ingredjenti li użaw, il-proċess tat-tisjir u l-platt finali.

F'din il-kompetizzjoni, li kienet mifruxa fuq sitt ġimgħat, ipparteċipaw 36 tifel u żagħżugħ bl-etajiet ta' bejn id-9 u l-15-il sena. Kull parteċipant ħoloq platt minn ħut lokali li mhux utilizzat biżżejjed, ħut bħall-kavalli u s-sawrell li, għalkemm mhumiex popolari, għandu togħma eċċellenti. Is-sottomissjonijiet huma varji u fosthom jinkludu: aljotta taż-żondu, kubrita l-forn,







sawrella mixwija bl-għasel u l-bużbież u ħafna riċetti apetitużi. Il-parteċipanti wrew kemm huma kreattivi, mhux biss bil-platti li ħolqu, iżda wkoll bil-metodu tat-tisjir. Kien hemm min saħansitra qabad il-ħuta li sajjar hu stess jew għażel li minflok isajjar fil-kċina jsajjar f'bajja Maltija biex ikun jista' jgawdi l-veduta tal-baħar waqt li jiekol l-ikla bnina tiegħu.

L-aqwa għaxar platti bl-iktar likes ta' Facebook se jiġu evalwati mill-ġudikaturi biex jagħżlu l-aqwa tliet platti preferuti tagħhom. Id-dehra tar-ritratti tar-riżultat finali tiftaħlek l-aptit u bla dubju l-ġurija se jsibuha diffiċli biex jagħmlu l-għażliet tagħhom. Fl-edizzjoni li jmiss se nurukom uħud mir-ritratti li rċevejna, min kienu l-finalisti u fuq kollox ir-riżultat finali.



# Miżuri Agroambjentali Klimatiċi

Kitba ta'
**NATHALIE SPITERI D'AMATO** *Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

Miżuri agroambjentali klimatiċi (AECMs) huma miżuri volontarji fejn bdiewa/raħħala jistgħu jibbenefikaw minn sett ta' miżuri li l-għan tagħhom hu li jħarsu l-ambjent. Dawn il-miżuri jagħtu stil ta' kultivazzjoni kemxejn differenti fl-agrikoltura Maltija fejn il-bidwi jibbenefika wkoll minn għajnuna finanzjarja.

Bdiewa reġistrati fis-sistema tal-IACS huma eleġibbli li japplikaw għal dawn il-miżuri. Kull miżura għandha lista ta' obbligi marbutin magħha li l-bidwi għandu josserva fl-intrapriża agrikola tiegħu. Permezz ta' dawn il-miżuri, l-applikanti jingħataw għajnuna finanzjarja sabiex jiġu kkumpensati għal xi telf li jkunu sofrew sabiex dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod effettiv.

Dawn il-miżuri agroambjentali jiġu attwati għal perjodu ta' ħames snin permezz ta' kuntratt. Matul dan iż-żmien l-applikant hu mitlub li jsegwi l-obbligi marbutin mal-iskema magħżula minnu u li jkun konformi mar-regoli tal-Cross Compliance tul il-kuntratt kollu.

Preżentement hemm diversi miżuri agroambjentali klimatiċi (AECMs) u bosta bdiewa u raħħala qed igawdu minn dawn l-iskemi. Nibdew billi nagħtu ħarsa ġenerali lejn dawn il-miżuri magħrufa aħjar bħala AECMs.

AECM 1; **L-użu ta' kontroll mekkaniku (aktar milli erbiċidi) għall-ħaxix ħażin f'sistemi ta' produzzjoni ta' kultivazzjoni permanenti (żebbuġ, dwieli, għelieqi mħawla b'siġar tal-frott).**

Din hi miżura fejn il-bdiewa jridu jikkontrollaw il-ħaxix ħażin li jikber bejn is-siġar tal-frott jew żebbuġ u dwieli b'mod mekkaniku mingħajr ma jaħartu, ngħidu aħna billi jinħasad il-ħaxix ħażin permezz ta' mower. Dan għandu jsir bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu. L-użu ta' erbiċidi huwa pprojbit matul is-sena kollha bl-eċċezzjoni ta' erbiċida speċifika mmirata biex tikkontrolla





n-niġem. Dan jista' jiġi applikat biss bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta' Awwissu. L-applikant għandu l-obbligu li jżomm rekord tal-applikazzjoni tiegħu f'każ li l-erbiċida tiġi applikata.

AECM 2; **Il-kultivazzjoni ta' siġar ta' Speċi Rakkomandata li jissostitwixxu Speċi Aljeni mħawla fuq art b'pendil u għelieqi mtarrġin biex jipprevenu t-telf tal-ħamrija mir-riħ.**

Din il-miżura hi maqsuma fuq żewġ sottomiżuri oħrajn li huma:

- il-kultivazzjoni ta' speċi ta' siġar imħawla fuq għelieqi li l-pendil tagħhom hu daqs jew akbar minn 11% u għalhekk huma faċilment suxxettibbli għat-telf ta' ħamrija;
- il-kultivazzjoni ta' siġar li huma mniżżla fil-lista ta' siġar rakkomandati li jistgħu jitħawlu sabiex jissostitwixxu siġar preżenti fl-għalqa u li huma aljeni.

AECM 3; **L-introduzzjoni tal-kaxxi tan-naħal**

Din il-miżura tippromovi l-bijodiversità u tappoġġja l-ekosistemi lokali.

Dawk li jrabbu n-naħal jingħataw din l-għajnuna finanzjarja sabiex iżidu l-popolazzjoni tal-pollinaturi li hija parti essenzjali tas-settur agrikolu Malti. Fost l-obbligi marbuta ma' din il-miżura hemm li l-kaxxi tan-naħal iridu jinżammu fuq art agrikola fil-viċinanzi ta' art xagħri (3km) fost oħrajn.

AECM 4; **Pjan Integru ta' Immaniġġjar ta' Organiżmi li huma ta' Ħsara, immirat għal vinji u għelieqi bis-siġar tal-frott;**

L-għan ta' din il-miżura hi li tinċentiva lill-bdiewa biex ikollhom Pjan Integru ta' Immaniġġjar ta' Organiżmi li huma ta' Ħsara (Integrated Pest Management), sabiex permezz ta' pjan effettiv dawn l-organiżmi jiġu kkontrollati jew evitati minn vinji u għelieqi miżrugħa b'siġar tal-frott. Il-miżura tieħu kont tal-ispejjeż ekonomiċi u l-benefiċċji ambjentali billi tgħaqqad flimkien fatturi bijoloġiċi, kulturali u kimiċi għall-kontroll tal-pesti b'mod effettiv billi tnaqqas l-infestazzjonijiet ta' insetti li huma ta' dannu fl-agrikoltura għal livelli ekonomikament aċċettabbli u għal ekoloġija b'saħħitha.

AECM 5; **Miżura għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' immaniġġjar u konservazzjoni tal-ħamrija f'azjenda;**

Din tikkonsisti billi jittieħed kampjun ta' ħamrija mill-għalqa/grupp ta' għelieqi kull sena sabiex jiġi evalwat il-livell organiku tal-ħamrija. Mill-1 ta' Lulju sal-1 ta' Ottubru l-għalqa/għelieqi marbuta ma' din il-miżura għandhom jitħallew battala. Kultivazzjoni ta' magħlef hi rakkomandata għalkemm mhux obbligatorja. Il-bidwi għandu jagħmel post tal-kompost u jipprattika minn tal-inqas żewġ prattiċi li jgħollu l-livell tal-materja organika fil-ħamrija sabiex jilħaq il-miri mitluba minn din il-miżura.

AECM 6a / b / ċ; **Integrazzjoni u Manutenzjoni ta' speċi awtoktoni Maltin**

Taħt din l-iskema, għajnuna finanzjarja tingħata lill-bdiewa jew raħħala li għandhom il-Gendus Malti, it-Tiġieġa s-Sewda ta' Malta fl-irziezet u l-Ħarrub, Tut jew Ċawsli fir-raba' tagħhom. Sett ta' regoli li jipproteġu l-ħarsien tas-siġar u s-saħħa tal-annimali jagħtu serħan il-moħħ li dawn l-ispeċi huma protetti minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom fil-gżejjer Maltin.

Il-benefiċjarji li japplikaw għal dawn il-miżuri huma obbligati li jieħdu parir għat-twettiq adegwat tal-impenji u l-obbligi kollha fi żmien tliet snin mill-aċċettazzjoni fuq l-iskema permezz tal-AgriConnect. AgriConnect tgħin ukoll lill-bdiewa biex jiksbu l-informazzjoni neċessarja dwar l-obbligi marbuta ma' dawn il-miżuri, tagħti informazzjoni lill-applikanti ġodda jew tirrispondi għal mistoqsijiet oħra relatati mas-suġġett. Għal aktar informazzjoni fuq dawn il-miżuri tistgħu tagħmlu kuntatt mal-AgriConnect permezz tat-telefown fuq in-numri: 21804981/2/4.



# Il-Proġett Ambulanza tal-Malta Rabbit Club

Kitba ta'
**ALICE ANNE STEER** u **SHARON SCERRI**
*Membri tal-Kumitat fil-kariga ta' Viċi President u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi*

The Malta Rabbit Club kien ilu jħoss il-bżonn għal vettura adattata, mhux biss għall-użu tal-klabb, imma speċjalment għal kull meta niġu mitluba nagħtu l-għajnuna għas-salvataġġ tal-fniek. Bdejna naraw żieda qawwija fit-talbiet ta' salvataġġ, u għal dan ix-xogħol trid tkun attrezzat.

Għaldaqstant, kien ta' sodisfazzjon kbir meta ħarġu fondi biex jiġu allokati lil NGOs, u li bħala klabb stajna napplikaw. Il-fondi nħarġu mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimal (Animal Welfare), u wara applikazzjoni li ssottomettejna, ġejna mgħarrfin li ġiet allokata s-somma sabiħa ta' €6,400 mill-fondi disponibbli.

Kien hawnhekk li l-klabb ħareġ sejħa għall-membri tiegħu biex permezz ta' donazzjonijiet u ġbir ta' fondi, tkompli tikber is-somma li kienet ippjanata, biex mhux biss tinxtara l-vettura, imma





wkoll tiġi attrezzata b'kull mhu mitlub skont il-linji gwida tad-dipartiment stess. Il-membri kkonkorrew u kull donazzjoni, anke sal-inqas waħda, għal fini ta' trasparenza, kienet tiġi msemmija fuq il-paġna ta' Facebook tal-klabb stess. Il-kumitat ħadem qatigħ u rnexxielu jsib ukoll kumpanija li għamlet ix-xogħol ta' 'vehicle wrapping', xogħol li ġie offrut ukoll bħala donazzjoni. In-nefqa totali biex l-ambulanza ħarġet fit-toroq, qarrbet is-somma ta' €13,000.

Konna xxurtjati li bil-flus miġbura stajna mhux biss nixtru l-vettura adattata, imma wkoll nattrezzawha sal-anqas dettall bħala ambulanza. B'dan il-mod nistgħu nassiguraw li kull meta niġu msejħa fuq xi post partikolari, tkun tista' tingħata l-attenzjoni immedjata lill-fenek imweġġa', abbandunat jew marid fuq il-post stess u bla telf ta' żmien. Ta' min isemmi, li bħala NGO, il-klabb jaħdem id f'id mad-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali, fejn mhux l-ewwel darba li d-Dipartiment talab l-għajnuna tal-klabb biex jiġu salvati fniek. Dan minħabba l-esperjenza vasta f'dan ix-xogħol minn membri tal-kumitat, fosthom tal-President stess li l-esperjenza tiegħu fit-trobbija tal-fniek tisboq il-ħamsin sena.

B'sodisfazzjon kbir ngħidu li l-ambulanza laħqet l-aspettattivi kollha tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali, peress li ġiet mgħammra b'dak kollu meħtieg, fosthom b'arja kkundizzjonata, għodda neċessarja, gaġeġ biex jinġarru l-fniek li jkun hemm bżonn jittieħdu minn fuq il-post u saħansitra apparat tat-tifi tan-nar. Ta' min isemmi li kull fenek li jiġi salvat u jittieħed minn fuq il-post, jitpoġġa fi kwarantina u jiġi ssorveljat kontinwament.

Il-Proġett Ambulanza huwa wieħed mill-aħħar proġetti finalizzati u b'unur ngħidu li hu wkoll l-akbar wieħed.



# Kotba Edukattivi għall-Istudenti tar-Raba' u s-Sitt Sena tal-Iskejjel Primarji

Matul it-tieni ġimgħa ta' Jannar il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo u l-Ministru għall-Edukazzjoni Justyne Caruana kienu preżenti fil-Kulleġġ ta' St Thomas Moore, Primarja ta' Wied il-Għajn għat-tnedija ta' żewġ pubblikazzjonijiet edukattivi bl-intenzjoni li jitqassmu lill-istudenti tar-raba' u s-sitt sena tal-iskejjel primarji.

Waqt it-tnedija l-Ministru Refalo wera kemm hu sodisfatt bil-pubblikazzjoni ta' dawn iż-żewġ kotba filwaqt li rringrazzja lill-Eks Kummissarju l-Maġistrat Dr Denis Montebello u lit-tim tiegħu għax-xogħol li sar biex ħadu ħsieb dawn il-kotba. Il-Ministru stqarr kemm hemm bżonn li nkomplu għaddejjin b'din is-sinerġija u l-koperazzjoni kemm min-naħa tal-edukazzjoni u anke min-naħa tal-ministeru li hu responsabbli minnu.

Dawn il-kotba se jitqassmu b'xejn fl-iskejjel primarji kollha f'Malta u Għawdex tar-raba' u s-sitt sena fl-iskejjel tal-istat, fl-iskejjel tal-knisja, u f'dawk indipendenti u ser ikunu wkoll disponibbli fil-libreriji pubbliċi tal-gżejjer Maltin.

Il-Ministru Justyne Caruana qalet li huwa importanti li l-edukazzjoni li tingħata fl-iskejjel tkun waħda ħolistika u tkopri suġġetti varji, u spjegat kif dan is-suġġett partikolari – it-trattament xieraq tal-annimali – sar parti vitali mill-kurrikulu tal-istudenti fil-lezzjonijiet tagħhom tal-PSCD. Għaddejjin ukoll diskussjonijiet kontinwi biex fil-futur dawn il-lezzjonijiet jiġu estiżi għall-istudenti tat-tielet sena tas-sekondarja biex b'hekk tintlaħaq niċċa ġdida ta' studenti.

Iż-żewġ pubblikazzjonijiet edukattivi jagħmlu parti mill-kampanja ta' disseminazzjoni li ssir mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali bil-għan li sservi ta' pjattaforma sabiex teduka lill-pubbliku – partikolarment lill-istudenti li jattendu r-raba' u s-sitt sena tal-iskejjel primarji – dwar it-trattamenti xierqa tal-annimali u kif ukoll dwar regolamenti u liġijiet li jiffurmaw parti integrali mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali ilu mwaqqaf mill-2014.

Il-Kummissarju tal-Annimali Alison Bezzina enfasizzat fuq il-punt li mill-esperjenza tagħha, "kemm bħala attivista u kemm bħala Kummissarju, il-maġġoranza tal-każijiet ta' abbuż u negliġenza fuq l-annimali, jiġu bħala riżultat ta' nuqqas ta' għarfien, u mhux bħala kattiverja sfaċċata. Bl-ebda mod ma rrid infisser li din it-tip ta' moħqrija għandha tiġi skużata, imma jekk nindirizzaw dan in-nuqqas permezz ta' iżjed edukazzjoni f'dan ir-rigward, awtomatikament innaqqsu l-każijiet ta' abbuż b'mod naturali u b'hekk innaqqsu wkoll il-pressjoni fuq l-awtoritajiet responsabbli mill-infurzar tal-liġi."



Wieħed mill-kotba huwa ddedikat għall-istudenti tar-raba' sena bl-isem "Il-Vjaġġ ta' Karl u l-Imħabba lejn l-Annimali" f'forma ta' rakkont fejn jissemmew il-ħames libertajiet tal-annimali, in-numru tal-ambulanza tal-annimali, informazzjoni fuq iż-żwiemel tal-karozzini, u attivitajiet oħra interessanti biex il-ktieb ikun interattiv fl-istess ħin. Dawn il-kotba ngħataw lill-għalliema tal-PSCD biex iqassmuhom lill-istudenti tagħhom u ssir lezzjoni bejniethom.

# L-Iżvilupp u t-Trasmissjoni tar-Reżistenza għall-Antibijotiċi mill-Batterja

Kitba ta'
STEPHEN SPITERI
*Spiżjar Prinċipali Anzjan, Laboratorju Veterinarju Nazzjonali, Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali*

**Għaliex ir-reżistenza għall-antibijotiċi hija assoċjata mal-batterja?**

Il-batterji jeżistu bit-triljuni u jirriproduċu bil-minuti. Minn dawk il-batterji kollha jistgħu f'qasir żmien ifiġġu, kważi b'kumbinazzjoni, dawk il-batterji li jinzerta jkollhom xi mekkaniżmu sabiex jilqgħu għall-effetti tal-antibijotiċi. L-użu mhux kif suppost tal-antibijotiċi, flok joqtol lil dawn il-batterji, jinkuraġġixxi t-tkattir tagħhom u t-trasmissjoni tal-mekkaniżmu tar-reżistenza lill-batterji oħra.

F'dawn l-aħħar snin, qed jitfaċċaw batterji, li prattikament ma jiġu maqtula mill-ebda antibijotiku. Dawn insibuhom bħala s-superbugs.

**X'inhuma l-mekkaniżmi tar-reżistenza għall-antibijotiċi (antibiotic resistance)?**

M'hemmx mekkaniżmu wieħed ta' kif tiżviluppa r-reżistenza għall-antibijotiċi għax dan jiddependi mill-ispeċi ta' batterja u t-tip ta' antibijotiku. Uħud mill-mekkaniżmi huma dawn li se nsemmu:



- Il-batterji jibdew jipproduċu sustanzi li malli jmissu mal-antibijotiċi jtellfu l-effett tagħhom; bħal qisu jinnewtralizzawhom jew jagħmluhom inqas effettivi. Dawn is-sustanzi jinnewtralizzaw l-antibijotiku kemm barra l-qoxra tal-batterja u anke jekk l-antibijotiku jirnexxilu jidħol ġo fihom.
- Il-batterji jbiddlu l-qoxra ta' barra tagħhom ħalli jagħmluha iżjed bi tqila li l-antibijotiċi jidħlu ġo fihom. Dan isir mhux biss għax iħaxxnu jew ibiddlu n-natura tal-qoxra tagħhom imma wkoll għax iħaddmu speċi ta' pompi bijoloġiċi fil-qoxra tagħhom li jippampjaw l-antibijotiċi 'l barra. B'hekk l-antibijotiċi qatt ma jakkumulaw biżżejjed ġewwa fihom biex joqtluhom.
- Il-batterji jbiddlu l-funzjoni interni tagħhom. Il-batterji għandhom ġo fihom bħal partiċelli ċkejkna li jaħdmu bħala 'organi' tagħhom. Ejjew nimmaġinaw li jeżistu Partiċella A u Partiċella B, u li l-antibijotiċi jaffettwaw biss Partiċella A. Il-batterji kapaċi jbiddlu l-funzjoni tal-partiċelli ħalli l-funzjoni ta' Partiċella A teħodha Partiċella B.
- Il-batterji jbiddlu l-forma tal-partiċelli. Antibijotiċi li jaħdmu billi jeqirdu jew ifixklu l-funzjoni ta' xi partiċelli jibdew jaħdmu billi l-ewwel jeħlu ma' dawk il-partiċelli bħal jigsaw puzzle. Jekk il-forma tal-partiċella tinbidel, l-antibijotiku ma jkunx jista' jeħel magħha u allura ma jkunx effettiv minkejja li jkun ġol-batterja.

Batterja partikolari tista' tiżviluppa reżistenza, b'iżjed minn mekkaniżmu wieħed. Hemm studji li juru li dawn il-mekkaniżmi dejjem jiġu żviluppati mill-batterja. Huwa importanti li l-antibijotiċi jintużaw kif suppost ħalli tiġi ppriservata l-effettività tagħhom billi jitnaqqas ir-riskju li dawn il-mekkaniżmi jiżviluppaw malajr wisq (ġieli fi ftit jiem!) u jinxterdu minn batterja għall-oħra.





L-antibijotiċi joqtlu l-batterja li mhux reżistenti għalihom waqt li l-oħrajn li huma reżistenti jkomplu jitkattru u jinxterdu. B'hekk l-użu tal-antibijotiċi jkun qed jagħti palata lill-batterja reżistenti fil-kompetizzjoni mal-batteriji l-oħra. Fi ftit kliem, l-antibijotiċi jkunu qed iħaffu l-proċess tas-'selezzjoni naturali'. Terġa' u tgħid dawn il-batterji reżistenti kapaċi jkunu wkoll iżjed 'virulenti', li jfisser li jkunu ta' dannu ikbar għall-ġisem tal-annimal jew tal-bniedem.

**Kif tiġi trasmessa r-reżistenza għall-antibijotiċi minn batterja għal oħra?**

Bħal ħlejjaq oħra, il-batterji għandhom il-ġeni. Il-ġeni huma magħmulin minn kimika kumplessa immens li huma "l-ktejjeb tal-istruzzjoni" tal-batterja. Dawn l-istruzzjonijiet jiddeterminaw in-natura tal-batterja; bħal kif il-batterji jinqasmu biex jirriproduċu u liema mekkaniżmu jiġi żviluppat biex jikkonferixxi r-reżistenza għall-antibijotiċi.

L-istruzzjonijiet huma fuq livell kimiku u bijoloġiku. Però hija l-istess 'lingwa' li jużaw il-ħlejjaq kollha.

Apparti li jgħaddu dawn il-ġeni meta jinqasmu, il-batterji kapaċi jgħaddu dawn il-ġeni lil xulxin meta jitħalltu bejniethom. Dan jista' jiġri wkoll bejn speċi differenti.

Mela jista' jiġri li batterja reżistenti fl-imsaren ta' ħamiema taqa' fuq l-għalf ta' xi annimali ġo razzett permezz tal-ħmieġ tagħha waqt it-titjira jew anke jekk jirnexxilha tidħol tiekol mill-għalf. Meta l-annimali tal-irziezet jieklu minn dan l-għalf, il-batterja reżistenti tispiċċa wkoll ġo fihom. Hemmhekk tiltaqa' ma' batterji oħra fejn isir it-tqassim tal-ġeni.

Il-batterji għandhom modi differenti ta' kif iqassmu dawn il-ġeni lil xulxin. Ġieli jeħlu ma' xulxin u ġieli l-batterji jiġbru dawn il-ġeni mill-ambjent ta' madwarhom fejn ikunu telquhom batterji oħrajn.

Uħud minn dawn il-batterji jistgħu jinzertaw dawk li jikkawżaw l-istess mard fil-bniedem u fl-annimal (mard zoonotiku).

Il-ħmieġ tal-annimali jista' jikkontamina kull ħaġa li direttament jew le tmiss miegħu. B'nuqqas ta' attenzjoni kollox jista' jiġi kkontaminat: ħxejjex, ħwejjeġ, żraben, u prodotti tal-annimal (ħalib, laħam, bajd, vaski, bjar, nixxigħat). Jekk ma jittieħdux il-prekawzjonijiet kollha biex dawn il-batterji jinqerdu, iċ-ċiklu jibqa' għaddej bla waqfien. Huwa importanti li postijiet fejn jinżammu/jitrabbew l-annimali mhux biss jinżammu nodfa imma jittieħdu wkoll miżuri biex il-batterji ma jidħlux mill-bidu nett. Dan huwa l-prinċipju tal-bijosikurtà. Dan jgħodd għal kull annimal (anke għall-annimali domestiċi li nżommu fid-djar) imma b'mod speċjali fejn jitrabbew għadd kbir ta' annimali tal-istess speċi għal prodotti kkunsmati jew użati mill-bniedem.

Il-prodotti tal-ikel għandhom jinżammu l-ħin kollu fit-temperatura indikata u jiġu pproċessati u msajra kif suppost. Il-kontaminazzjoni tal-katina tal-ikel minn batterja reżistenti hija fattur ewlieni ta' din il-problema.

L-annimali, il-bniedem u l-ambjent huma ħaġa waħda. Ma tistax titħares is-saħħa tal-bniedem u tittraskura s-saħħa tal-annimal u l-ambjent nadif. Kull ħlejqa tgħix fl-istess ibħra, nixxigħat u arja. Mhux possibbli li dan tisseparah, speċjalment fid-dinja tal-lum fejn l-attivitajiet tal-bniedem kompla għaqqad dawn it-tliet elementi flimkien. Ma nkunux qed ngħaġġbuha jekk ngħidu li meta antibijotiku jingħata lil ħamiema ġo Malta dan jista' jaffettwa s-saħħa ta' pazjent fi sptar ġo Sqallija. Dan hu l-prinċipju ta' "Saħħa Waħda" (One Health) li fuqu huma mfassla l-pjanijiet ta' azzjoni ta' ħafna pajjiżi biex inaqqsu l-iżvilupp u t-trasmissjoni tar-reżistenza għall-Antibijotiċi mill-Batterja.



# Il-Ħidma tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali

Kitba ta'
**ROBERT CUTAJAR** *Prinċipal*

Minkejja li l-imxija tal-Covid 19 kompliet tgħolli rasha, il-ħidma tad-Direttorat fl-interess tal-Ħarsien tal-Annimali f'pajjiżna, anke jekk f'ċirkostanzi kemxejn differenti, kompliet għaddejja. Fost id-diversi inizjattivi marbuta ma' din il-ħidma spikkaw fost l-oħrajn il-Konferenza Nazzjonali dwar il-Ħarsien tal-Annimali li saret b'mod virtwali, kif ukoll numru ta' servizzi awdjoviżivi li ġew ippreparati u li qed jiġu mgħoddija lill-iskejjel sabiex jintwerew lill-istudenti u allura nkomplu nsaħħu l-għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali.

**Konferenza Nazzjonali Virtwali dwar il-Ħarsien tal-Annimali**

Fl-aħħar ġimgħat, ġiet organizzata b'suċċess Konferenza Nazzjonali b'mod virtwali, mid-Direttorat bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Ħarsien tal-Anninali fejn matulha ġew trattati diversi temi ta' interess ġenerali dwar il-ħarsien tal-annimali. Għal din il-konferenza ġew mistiedna l-kunsilli lokali flimkien mal-għaqdiet mhux governattivi li, b'xi mod jew ieħor, il-ħidma tagħhom tmiss mal-ħarsien tal-annimali.

Fost it-temi li ġew diskussi kien hemm l-iskemi li l-Gvern qed jintroduċi minn żmien għal żmien għall-Kunsilli Lokali. Fil-fatt kien hemm sindki li matul il-konferenza tkellmu dwar kif il-Kunsilli Lokali rispettivi tagħhom sarrfu l-benefiċċji minn dawn l-iskemi fl-interess tal-ħarsien tal-annimali fl-ibliet u l-irħula tagħhom. Saret preżentazzjoni mis-Sur Mauro Pace Parascandolo f'isem il-Kunsill għall-Organizzazzjonijiet Volontarji fejn tkellem dwar fondi oħra allokati li minnhom jistgħu jibbenefikaw anke l-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.

Tema oħra li ġiet trattata waqt din il-konferenza virtwali kienet dik tal-effetti pożittivi li kapaċi jħallu diversi annimali fuq persuni li jkunu jbatu minn kundizzjonijiet varji ta' saħħa. Għal dan is-suġġett il-mistieden speċjali kien is-Sur Robert Spiteri fejn bil-mod abbli tiegħu tkellem fid-dettall dwar x'differenza pożittiva jista' jagħmel annimal fuq persuni li jkollhom tipi differenti ta' kundizzjoni f'saħħithom.

Din il-konferenza tmexxiet minn Jackie Mercieca u kienet indirizzata wkoll mill-Ministru Anton Refalo flimkien mad-Direttur Ġenerali, is-Sa Marika Gatt u l-Eks Direttur għall-Ħarsien tal-Annimali, is-Sur Noel Montebello.

**Materjal Edukattiv Awdjoviżiv li qed jitqassam fl-Iskejjel**

Numru ta' servizzi edukattivi awdjoviżivi li nħadmu mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali ntwerew għall-ewwel darba waqt il-Konferenza Nazzjonali li saret fi tmiem is-sena li għaddiet. Dawn ir-riżorsi qed jiġu mgħoddija lill-iskejjel sabiex ikunu jistgħu jintwerew lill-istudenti fl-iskejjel madwar Malta u Għawdex. Dawn il-filmati jittrattaw prattiċi tajbin minn diversi kunsilli lokali fejn jidħlu l-ħarsien tal-annimali kif ukoll il-benefiċċji li jistgħu jgawdu minnhom persuni bi probemi varji ta' saħħa minn annimali bħall-fenek u ż-żiemel.

Dawn il-filmati ntlaqgħu tajjeb mid-diversi skejjel li sa issa għamlu użu minnhom fejn dan l-eżerċizzju serva biex jikkumpensa tassew b'mod pożittiv għall-effetti li ħalliet l-imxija tal-Covid 19 fejn il-kuntatt fiżiku dirett mill-uffiċjali tad-Direttorat fl-iskejjel kellu jinqata'. Id-Direttorat jibqa' determinat li prijorità ewlenija fil-ħidma tiegħu tibqa' dik li jippromovi dejjem aktar għarfien, edukazzjoni u mħabba lejn il-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.

Dawk l-iskejjel li għadhom ma rċivewx dawn il-filmati u jixtiequ li jkollhom kopji għad-dispożizzjoni tagħhom jistgħu jagħmlu talba billi jibagħtu email fuq: **robert.a.cutajar@gov.mt**






# Investiment ta' €5.4 Miljun għat-Tisħiħ tal-Prodott Agrikolu Lokali

19-il benefiċjarju bbenifikaw minn investiment ta' €5.4 miljuni biex ikomplu jiżviluppaw il-prodotti agrikoli tagħhom. B'hekk, il-prodott lokali jissaħħaħ aktar fis-suq u jkollu aktar saħħa. Din is-somma ġiet kofinanzjata minn fondi Ewropej.

Waqt żjara fil-fabbrika ta' Malta Dairy Products Ltd, li hija waħda mill-benefiċjarji, saret konferenza stampa fejn il-Ministru Anton Refalo responsabbli mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd, Ikel u Drittijiet tal-Annimali, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Stefan Zrinzo Azzopardi, tkellmu dwar is-suċċess li sar bl-implimentazzjoni tal-Miżura 4.2.

Din il-miżura taqa' taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020, fejn l-għan tagħha kien li tingħata għajnuna finanzjarja lill-bdiewa jew proċessuri Maltin u Għawdxin sabiex jagħtu valur aġġunt għall-prodotti primarji tagħhom jew għal żvilupp ta' prodotti ġodda.

Permezz ta' din il-miżura, il-Gvern baqa' jappoġġja lis-settur agrikolu lokali fejn ġew magħżula 19-il benefiċjarju li qed igawdu minn total ta' 'l fuq minn €5 miljun.

Il-Gvern issa għaddej b'ħidma kontinwa sabiex jiġu ppreparati l-iskemi ta' għajnuna li jkopru l-perjodu 2021-2027.

Il-Ministru Refalo se jibqa' jintervjeni fejn hemm bżonn sabiex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tas-settur agrikolu u li se jkompli jappoġġja kemm jiflaħ lil dawk kollha li jkunu eliġibbli għal dawn l-iskemi.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, Stefan Zrinzo Azzopardi kien qal li din il-miżura hija maħsuba biex tiżviluppa u tippromovi s-settur agrikolu, biex inkomplu nagħtu valur addizzjonali lill-prodott lokali. Is-Segretarju Parlamentari spjega li l-kumpanija Malta Dairy Products hija eżempju ħaj ta' kif din il-miżura wasslet għat-tnaqqis fl-ispejjeż tal-operat tagħha filwaqt li żżid l-effiċjenza u l-kwalità tal-prodotti tagħha.

Din il-miżura hija prova konkreta tax-xogħol kollu li qed isir biex inkomplu ninvestu u nsaħħu prodotti agrikoli Maltin u Għawdxin.



# Proġett BLUEfasma

Kitba ta'
**DR ANDREAS KOTELIS** *Prinċipal Xjentifiku,*
**MS JUDY CASSAR** *Uffiċjal Ekonomiku fi ħdan id-Dipartment tas-Sajd u Akkwakultura*

L-għan tal-proġett BLUEfasma huwa li jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji, tas-sajjieda, ta' gruppi marittimi u netwerks fil-gżejjer Mediterranji u ż-żoni kostali biex jappoġġjaw it-tkabbir tal-ekonomija ċirkolari blu fis-sajd u l-akkwakultura.

Dan il-proġett jintegra u jimplimenta l-prinċipji tal-Ekonomija Ċirkolari fis-settur ewlieni tas-sajd/akkwakultura; li jibbenefikaw minnu żoni insulari, gżejjer u kostali tal-Mediterran b'mod innovattiv u ġdid. It-tim tal-proġett jittratta l-isfida transnazzjonali tat-tnaqqis kontinwu tar-riżorsi naturali li tikkawża impatti ekonomiċi, soċjali kif ukoll ambjentali serji. L-għan ġenerali tiegħu huwa li jagħti s-setgħa lill-kapaċità ta' innovazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medji, gruppi marittimi u netwerks fil-gżejjer Mediterranji u ż-żoni kostali biex jappoġġjaw it-tkabbir tal-Ekonomija Ċirkolari blu fis-sajd u l-akkwakultura.

Il-proġett BLUEfasma jikkonsisti minn 14-il imsieħeb minn disa' pajjiżi Mediterranji: il-Greċja, l-Italja, Franza, Spanja, il-Portugall, Ċipru, Malta, il-Kroazja u l-Montenegro.

Il-proġett beda f'Novembru 2019 u jintemm f'Ġunju 2022 b'baġit reġjonali ta' 2.8 miljun



ewro u huwa kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali permezz tal-Programm Interreg MED 2014-2020.

**Attivitajiet Organizzati Taħt il-Proġett BLUEfasma**

L-ewwel attività li saret mid-Dipartment tas-Sajd u l-Akkwakultura taħt il-proġett BLUEfasma saret fis-16 ta' Ottubru 2020. L-għan tal-avveniment kien li jiffamiljarizza lill-parteċipanti bil-proġett BLUEfasma. Barra minn hekk, wieħed mill-għanijiet ewlenin kien li jintroduċi lill-partijiet interessati kwestjonarju rigward l-Ekonomija Ċirkolari li fil-ġimgħat ta' wara kellhom jimlew. Għal dan is-seminar kienu mistiedna diversi partijiet inkluż il-koperattivi tas-sajd, entitajiet tal-akkwakultura, operaturi tat-tours tat-turisti u diversi stakeholders oħrajn.

Bħala parti mill-attivitajiet organizzati taħt il-proġett BLUEfasma, id-Dipartment tas-Sajd u l-Akkwakultura qed jorganizza żewġ BLUEfasma Living Labs (BLL).

L-ewwel BLL għandha l-għan biex jissaħħu u jippromovu l-prinċipji tal-Ekonomija Ċirkolari f'Malta. Din l-attività se tqajjem kuxjenza u tipproponi soluzzjonijiet speċifiċi dwar kif tirriċikla u tuża mill-ġdid irkaptu tas-sajd mitluf jew skart abbandunat. Dan jista' jsir billi, pereżempju, l-irkaptu tas-sajd jiġi rranġat f'oġġetti artiġjanali biex jinbiegħu.

It-tieni BLL se tipproponi soluzzjonijiet speċifiċi dwar kif tipproteġi l-wirt kulturali Malti relatat mas-sajd, billi tinvestiga u tifhem mill-qrib opportunitajiet ta' diversifikazzjoni tal-kultura kostali permezz tal-Ekonomija Ċirkolari, u tuża t-turiżmu bħala mezz biex tenfasizza u tippreserva l-wirt kulturali.

Għal aktar informazzjoni żur is-sit uffiċjali tal-proġett BLUEfasma fuq **bluefasma.interreg-med.eu** jew ibgħat email fuq **bluefasma@gmail.com**.






# Il-Kunsill Lokali ta' Bormla Jimplimenta l-Iskema *LC Care Project*

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo fix-xahar ta' Diċembru attenda għal stedina li saret mis-Sa Alison Zerafa Civelli, is-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

Il-Kunsill Lokali ta' Bormla qiegħed jimplimenta proġett taħt l-iskema *LC Care Project* li din ġiet imnedija mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali. Bi sħab ma' għaqda non-governattiva - *Carers for Stray and Abandoned Felines* (CSAF) - inxtraw cat traps, cat cages, mediċini, u servizzi ta' neutering fost oħrajn. L-ispiża totali relatata mal-proġett kienet tammonta għal €8,462. Huma bbenefikaw għal tmenin fil-mija tal-ispejjeż, jiġifieri minn €6,769.60.

Matul dawn l-aħħar xhur il-Kunsill Lokali ta' Bormla flimkien mas-CSAF kienu qegħdin jiddiskutu mezzi ta' kif jistgħu jikkollaboraw bil-għan li jiġu megħjuna r-residenti li għandhom għal qalbhom l-annimali u b'mod regolari jieħdu ħsieb ukoll li jikkuraw u jitimgħu klieb u qtates li ma jkollhomx abitazzjoni. Ġie diskuss ukoll kemm hu kruċjali tiġi kkontrollata s-sitwazzjoni u li titnaqqas il-kwantità ta' qtates fit-toroq ta' Bormla.



# Il-Prodott Malti Uniku, Bnin u Essenzjali

Kitba ta'
KEITH ABELA
*Lekċerer part-time ġewwa ċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST*

**Issa, aktar minn qatt qabel, ix-xiri u l-konsum ta' ikel lokali u sostenibbli għandu jkun prijorità għal kulħadd, mhux biss minħabba l-benefiċċji għas-saħħa ta' dawn il-prodotti, imma wkoll minħabba l-impatti ambjentali tal-importazzjoni u l-prattiċi tal-biedja industrijali li tiġi prattikata barra minn Malta.**

Meta nixtru prodott lokali nkunu qegħdin ngħinu lill-produtturi tal-ikel tagħna - lill-bdiewa, lis-sajjieda, lir-raħħala u lill-produtturi żgħar artiġjanali li jispeċjalizzaw fis-sengħa partikolari u li jużaw l-għarfien ta' eluf ta' snin ta' metodi tradizzjonali li huma uniċi għall-gżira tagħna u li huma ddisinjati speċifikament għall-klima u l-kundizzjonijiet tagħna - *it-terroir*.

Dan *it-terroir* huwa kombinazzjoni ta' ħafna affarijiet - it-temp, ir-riħ, il-ħamrija, il-baħar, il-pjanti, il-faqqiegħ, il-mofof, l-alka, il-batterja, eċċ. u matul l-istorja tagħna aħna addattajna lilna nfusna flimkien mal-pjanti u l-annimali biex inkunu nistgħu ngħixu f'dan il-post uniku. Għalhekk għandna nkunu kburin bl-ikel u x-xorb li għandna f'pajjiżna - dawn huma prodotti uniċi u tista' ssibhom biss hawn, imkien ieħor fid-dinja.

Meta nixtru lokali nkunu qegħdin nikkonservaw dawn it-tradizzjonijiet u dawn it-togħmiet u nassiguraw li l-ġenerazzjonijiet li ġejjin ikollhom l-opportunità biex iduqu dan l-ikel uniku. Ħu, pereżempju, iż-żebbuġa endemika tagħna, il-bidni (*bitni*). Din evolviet f'dik li hi llum f'eluf ta' snin. Dan l-adattament ħoloq profil uniku ħafna għax fiha sa 17% aktar komposti fenoliċi li jfisser aktar togħmiet u aktar benefiċċji għas-saħħa. Din il-varjetà timmatura qabel il-varjetajiet l-oħra taż-żebbuġ u allura d-dubbiena li tagħmel danni fuq ħafna varjetajiet oħra ma tattakkax lil din iż-żebbuġa. Apparti minn hekk, il-bidni fiha aktar żejt minn ħafna tipi ta' żebbuġ ieħor li jagħmilha perfetta għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ta' kwalità għolja ħafna u li tista' tikkompeti ma' kwalunkwe żejt taż-żebbuġa ieħor minn madwar id-dinja. Minħabba dan *it-terroir* speċifiku tagħna, ħafna mill-varjetajiet taż-żebbuġ li jikbru Malta jispiċċaw ikunu aktar morri u jkollhom ħafna aktar togħma minn żebbuġ barrani.



Il-ġbejna wkoll hija unika meta tikkumparaha ma' ġobnijiet oħrajn fid-dinja, mhux biss minħabba l-mod ta' kif tiġi pproċessata u ppreservata, iżda minħabba l-arja u l-batterji



speċifiċi li jgħixu fl-arja li jagħtu lill-ġobon togħma partikolari – togħma li ma tinsab imkien ieħor fid-dinja.

It-togħmiet tal-bambinella ma jistgħu jinstabu fl-ebda speċi oħra ta' lanġas għax hija kompletament unika u dan ifisser li l-kokijiet u l-produtturi tal-ikel għandhom prodott uniku ħafna li jistgħu jaħdmu bih. L-unika problema li naffaċċjaw hija l-istaġjonalità – il-bambinella għandha staġun qasir ħafna u għalhekk huwa interessanti ħafna li naraw kif nistgħu nippreservaw dan il-prodott biex inkunu nistgħu nużawh is-sena kollha billi nagħmlu prodotti differenti bħas-sidru. Diġà għandna t-tradizzjoni qawwija ta' preservazzjoni ta' prodotti li ssibhom biss għal perjodu qasir ta' żmien – iż-żebbuġ u l-kappar nagħmluhom fis-salmura, innixxfu t-tadam fix-xemx u nagħmlu l-kunserva għax-xitwa, nagħmlu ġardiniera biex nippreservaw il-ħxejjex tax-xitwa għas-sajf, u nagħmlu t-tonn immellaħ biex inkunu nistgħu nippreservawh għal żmien twil ukoll. Allura l-preservazzjoni mhix xi ħaġa ġdida għall-kultura tagħna, iżda rridu nieħdu ħsiebha, inkunu kburin biha u nibdew ngħaqqdu tradizzjonijiet qodma ma' teknoloġiji u għarfien ġdid biex inlaħħqu mal-industrija tal-ikel internazzjonali.

L-istaġjonalità hija importanti ħafna wkoll. Il-karrotti u l-pitravi tax-xitwa, pereżempju, ikunu aktar ħelwin u jkollhom togħma aħjar mill-karrotti jew pitravi tas-sajf għax is-sħana tbiddel iz-zokkor f'sustanzi oħra u allura ma jkunux daqshekk ħelwin. Ħuta li tinqabad matul l-istaġun tat-tgħammir ma tkunx ta' kwalità tajba għax issir aktar grassa u anqas imlaħħma minn ħuta maqbuda barra minn dawn l-istaġuni.

Madanakollu l-edukazzjoni tal-konsumatur għandha tkun ir-responsabbiltà tal-fornitur tal-ikel jew l-artiġjan. L-aħjar għażla għas-saħħa tal-konsumatur hi li jieklu mal-istaġuni, li jieklu dak li hu frisk u lokali. Il-prodotti Maltin huma uniċi u jekk ngħaqqdu tradizzjonijiet qodma mal-palat modern billi nużaw anke għarfien xjentifiku, nistgħu niżguraw li l-prodott lokali tagħna jkun kapaċi jikkompeti ma' dak barrani.



# Kontribut Lejn is-Sostenibbiltà fl-Immaniġġjar tas-Sajd għat-Tonn

Kitba ta'
DR FRANCESCO LOMBARDO
*Chief Scientific Officer mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura*

Hu fatt magħruf li l-ibħra u x-xtut tagħna huma riżorsa importanti għalina lkoll, u għaldaqstant, ir-riżorsi tal-baħar għandhom jintużaw b'mod responsabbli biex jiġi assigurat li l-bilanċ fraġli tal-ekosistemi marini jiġu mħarsa filwaqt li jiġu protetti wkoll l-attivitajiet tal-bniedem relatati mal-baħar. Il-protezzjoni tal-ibħra tagħna hi kumplessa għax biex timmaniġġja s-sajd b'mod sostenibbli hemm bżonn ta' għarfien xjentifiku sod dwar kemm il-ħażniet tal-ħut jistgħu jiġu sfruttati, kif ukoll x'effetti jista' jkollu s-sajd fuq l-ekosistemi.

L-ICCAT (Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku) hi organizzazzjoni intergovernattiva li ġiet stabbilita fl-1966 u hi responsabbli għall-immaniġġjar u l-konservazzjoni tat-tonn u speċi oħra li jixbhu t-tonn[1] fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra tal-madwar. Kull sena l-ICCAT tibbaża d-deċiżjonijiet li tieħu dwar miżuri ġodda ta' konservazzjoni u mmaniġġjar




fuq studji xjentifiċi li jiffukaw fuq l-effetti tas-sajd fuq l-abbundanza tal-ħażniet tal-ħut. Dawn id-deċiżjonijiet u miżuri huma mmirati biex imantnu l-ħażniet ta' ħut fil-mira f'livelli li jippermettu rendiment massimu sostenibbli għall-ikel u skopijiet oħra. B'dan il-għan, jitwettqu bosta programmi xjentifiċi ta' riċerka biex itejbu l-għarfien bijoloġiku u jiġbru data dwar speċi ta' ħut partikolari. Programm xjentifiku partikolari tal-ICCAT hu dak tal-*Grand Bluefin Tuna Year Programm* (GBYP), riċerka li tinkludi studji dwar il-maturazzjoni u t-tkabbir, attivitajiet ta' tteggjar biex tiġi investigata l-istorja u l-oriġini tal-ħażna, ir-rata ta' taħlit tal-ħażna u l-istruttura u d-dinamiżmu tal-popolazzjoni.

Sabiex dejjem ikun hemm ħażna ta' kampjuni importanti bijoloġiċi (muskoli, gonads, otoliti, spini, vertebri) għal dawn l-analiżijiet xjentifiċi speċifiċi, l-ICCAT-BGYP tippubblika sejħiet għall-offerti għall-kollezzjoni ta' kampjuni bijoloġiċi fuq bażi regolari. Fl-2020 nedew sejħa għall-offerti li ntrebħet mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura biex jiġbru kampjuni bijoloġiċi minn tonn adult (akbar minn 100kg) maqbud matul l-istaġun tas-sajd tal-istess sena fiż-żoni ewlenin ta' riproduzzjoni fil-Mediterran (fin-Nofsinhar tal-Baħar Tirren u fin-Nofsinhar Ċentrali tal-Baħar Mediterran) u sussegwentement imsemmen f'faċilitajiet b'gaġeġ apposta sal-qatla. Uffiċjali tad-Dipartiment ġabru kampjuni bijoloġiċi (otoliti u muskoli) għal studji dwar il-maturazzjoni u l-ġenetika, flimkien ma' data bijometrika (tul, piż u sess). Il-kampjuni kollha ttieħdu fid-Direttorat tal-Akkwakultura f'San Luċjan Marsaxlokk, fejn ġew ippreparati u mmarkati biex jintbagħtu fil-Bank tat-Tessuti tal-ICCAT-GBYP.

Il-kollezzjoni ta' dawn il-kampjuni bijoloġiċi u d-data miksuba mit-twettiq ta' dan il-proġett huma kontribut importanti għall-istudji diversi u varji li għandhom l-għan ewlieni biex itejbu l-għarfien dwar il-bijoloġija u l-ekoloġija ta' din l-ispeċi u l-ġestjoni tagħha. U grazzi għall-proġetti bħal dawn li nistgħu naslu għal studji siewja li huma tant importanti, li jwasslu għat-teħid ta' deċiżjonijiet u tfassil ta' miżuri li jassiguraw il-ħarsien tal-proċessi ekoloġiċi u għaldaqstant il-ġestjoni tagħhom.

---

1 Speċi ta' tonn u ħut ieħor li jixbah lit-tonn: Tonna (*Thunnus thynnus*), Tonna safra (*Thunnus albacares*), Alonga (*Thunnus alalonga*), Tonn obeż (*Thunnus obesus*), Pixxispad (*Xiphias gladius*), Marlin (*Tetrapturus spp.*), Pixxivela (*Istiophorus spp.*), Kavalli (*Scomber scombrus*) u Palamit (*Katsuwonus pelamis*).



# Wirja Awdjoviżiva ta' Proġett b'Riċerka Dwar is-Sajjieda tal-Lampara f'Malta

Ftit tal-ġranet ilu ġie inawgurat il-ftuħ ta' wirja awdjoviżiva dwar is-sajd flimkien mas-Societá Dante Alighieri, Comitato di Malta fil-Belt Valletta. Dan il-proġett jinkorpora fih riċerka dwar is-sajjieda tal-lampara f'Malta mill-artist Dr Gilbert Calleja.

Il-Ministru Refalo tkellem dwar l-impenn li d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru li minnu hu responsabbli, dejjem lesti li jgħinu sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn is-sajjieda, l-istituzzjonijiet governattivi, l-edukaturi u l-artisti biex b'kollaborazzjoni sħiħa jwasslu l-għarfien tal-ħidma u s-sengħa tas-sajjieda Maltin.



Ir-riċerka u d-dokumentazzjoni hija ppreżentata minn Gilbert Calleja fejn il-wirja hija xhieda sħiħa ta' kemm id-djalogu huwa neċessarju biex jgħin u jipproteġi l-għejxien tas-sajjieda u s-sostenibbiltà tar-riżorsi marittimi fil-Mediterran. L-artist għamel seba' snin jaħdem mill-qrib mal-familja Abela minn Marsaxlokk magħrufa aktar bħala tal-Glawdu li għal erba' ġenerazzjonijiet qalgħu l-għejxien tagħhom mill-baħar. L-artist uża t-taħriġ akkademiku u artistiku tiegħu biex wasal għal dan il-prodott finali.

Bl-użu ta' mezzi awdjoviżivi, teknoloġija moderna u dokumenti miġbura mingħand diversi familji, niseġ rakkont li fih jispikka mhux biss is-sajjied imma wkoll l-irwol tiegħu fin-nisġa soċjokulturali li fuqha huma msejsa l-komunitajiet tax-xtut Maltin, rabtiet storiċi li s-sajjieda Maltin kellhom u li għad għandhom ma' sajjieda fil-Mediterran fosthom l-Isqallin li mingħandhom tgħallmu s-sengħa tas-sajd tal-lampara.

Il-Ministru Refalo jemmen bis-sħiħ li dan huwa l-wirt li jgħaqqadna bħala poplu u li flimkien irridu naffaċċjaw il-ġejjieni bil-għaqal biex inħarsu u ntejbu l-għejxien tas-sajjieda u l-familji tagħhom.

# Artiklu għat-Tfal

Kitba ta'
CLAIRE CAUCHI

**Kif intom tfal?**
Għal din il-ħarġa qed inwasslulkom ftit informazzjoni dwar ir-razza tat-tiġieġ *Maltese Black* u l-Ħmar ta' Malta.



***Il-Maltese Black***
Ir-razza *Maltese Black* ilha teżisti għal ħafna snin f'pajjiżna, iżda kienet l-aktar popolari fis-snin ħamsin u sittin. Kienet komuni li tinżamm fil-btieħi tad-djar fl-irħula Maltin għall-produzzjoni tal-bajd u tal-laħam. Din it-tiġieġa għandha rix iswed li jservi biex ma tidhirx billejl u b'hekk ma tittikilx minn annimali oħra. Għandha l-għalla tagħha ħamra u widnejha bojod li juru l-kulur tal-bajd tagħha.

Din ir-razza kienet ġiet kważi estinta għaliex min kien irabbi fid-djar ma baqax jagħmel dan hekk kif bdew jinfetħu rziezet kbar tal-produzzjoni tat-tiġieġ għal-laħam u t-tiġieġ tal-bajd. Fl-istess ħin il-mara tad-dar bdiet tippreferi tixtri tiġieġ iktar imlaħħam u allura bdew daħlin razez tat-tiġieġ minn barra. In-numru ta' tiġieġ ta' din ir-razza beda kulma jmur jonqos u llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li kważi spiċċa għalkollox.




**Il-Ħmar ta' Malta**
Il-Ħmar ta' Malta huwa ħmar pjuttost kbir fid-daqs meta tqabblu ma' razez oħra ta' ħmir. Il-pil tiegħu mhux bħal tal-ħmar tas-salib, iżda huwa pil qasir u jleqq. Il-kulur huwa kannella skur jagħti fl-iswed u għandu d-dawra ta' ħalqu bajda.

Illum il-ġurnata ftit li xejn għadna nsibu minnu għaliex b'kollox fadal biss mal-ħamsin wieħed fil-gżejjer Maltin. Fl-imgħoddi dan kien jintuża bħala mezz ta' trasport, għall-produzzjoni tal-laħam, biex jipproduċu l-bgħula (taħlita bejn debba u ħmar) u għall-isport. Il-ħmar, u speċjalment il-bagħal, kien jintuża mill-bidwi biex jaħrat l-għelieqi għaliex sa ftit żmien ilu ma kienx hawn makkinarju biex jagħmel dan ix-xogħol.





## Stuffat tal-Qaqoċċ

L-istuffat tal-qaqoċċ isir billi l-ewwel jitqalla' l-basal u l-karrotti. Wara jiġu miżjuda l-qlub tal-qaqoċċ imqattgħin flieli, il-patata, iż-żebbuġ, in-nagħniegħ, il-ħabaq, il-merqtux u ftit kunserva. Dawn l-ingredjenti kollha jiġu mgħarrqa fl-ilma u fi ftit inbid, u jitħallew itektku fuq nar bati sakemm isiru. Wara li jsir jiġi miżjud it-tonn taż-żejt fil-wiċċ.

## Kappar fis-Salmura

Ladarba jinqata' l-kappar jiġi maħsul u wara jitħalla ġol-ilma għal tlett ijiem. L-ilma jiġi mibdul darba kuljum sabiex il-kappar jitlaqlu l-imrar. Għall-preparazzjoni tas-salmura titħallat tazza melħ mill-oħxon ma' għaxar tazzi ilma. Il-kappar jitpoġġa ġo fliexken mimlijin bis-salmura u jitħalla fix-xemx għal madwar ġimgħa. Dan isir u jkun tajjeb għal konsum wara xahar.



## Qaqoċċ Mimli

Il-qaqoċċ jimtela b'taħlita magħmula minn tursin, tewm u żebbuġ imqatta' żgħir. Jiġi miżjud ukoll xi ftit żebbuġ sħiħ. Dawn jitpoġġew ġo borma flimkien ma' patata żgħira u jiġu mgħarrqa fl-ilma. Fil-wiċċ jiġi miżjud ftit żejt, ħall, bżar u melħ. Dawn jitħallew fuq in-nar sakemm isiru. Il-qaqoċċ mimli jiġi servut flimkien mal-ħobż tal-Malti bil-kunserva u t-tonn taż-żejt.

Varjant: Mat-taħlita tal-mili jiġi miżjud ukoll il-kappar, it-tonn taż-żejt jew l-inċova, u fil-borma tintefa' l-indivja.

## Torta tal-Ġbejniet

L-ingredjenti li jintużaw sabiex issir l-għaġina huma dqiq, marġerina, melħ u ilma. Id-dqiq jiġi mgħarbul ġo skutella kbira fejn wara jitħawwad mal-marġerina, mal-melħ u fl-aħħar mal-ilma. Għall-preparazzjoni tal-mili jitgħaffġu l-ġbejniet friski tan-nagħaġ bi xkumatur fi skutella kbira. Wara jiġu miżjuda l-bajd imħabbat, it-tursin u ftit bżar u melħ. Parti mill-għaġina tinfetaħ ġo dixx, jitpoġġa l-mili tal-ġbejniet u wara titpoġġa l-kumplament tal-għaġina fuqu. Il-wiċċ tal-għaġina jiġi midluk bl-isfar tal-bajd u wara jitwaddab ftit ġunġlien. Din tiġi moħmija fil-forn f'temperatura moderata għal madwar ħamsin minuta.

Varjant: Mat-taħlita jista' jiġi miżjud ukoll il-piżelli.



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

